# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025**

**Numru 6**

**Rikors Numru 1020/2022**

**Summit Holdings and Investments Limited (C79314)**
**vs**
**John Portelli (399262M) u Geraldine Portelli (348965M)**

**Il-Qorti:**

Il-Qorti rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Summit Holdings and Investments Limited (is-Soċjeta' Attriċi) li permezz tiegħu premettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-intimati John Portelli u Geraldine Portelli dahlu f` konvenju datat 15 ta Settembru 2021, kif sussegwentament emendat u mgedded fl-17 ta Gunju 2022, u li rega gie mgedded fit-28 ta` Settembru 2022 fejn l-istess intimate kienu intrabtu li jbiegħu u jitrasferixxu favur ir-rikorrenti , li da parti tagħha ir-rappreżentat tas-socjeta rikorrenti,Matthew Sammut, intrabath li jixtri u jakkwista , porzjon diviza ta` art mhux fabrikabbli sitwata l-Mosta fil-kontrada magħrufa bhala ta Xifer il-Kief, drabi ohra indikat bhala it-tafal l-ikrah , tal-kejl superficjali ta` cirka tlettax- il elf erbgħa mija u dsatax il-mertu

kwadru (13419km) jew kwalunkwe kejl illi jista jirrizulta u liema porzjon art tikkonfina mill-punent ma propjeta tal-monte di Pieta, xlokk ma propjeta ta` Ignazio Scicluna jew successuri fit-titolu, u min-nofs in-nhar ma sqaq pubbliku illi tagħti għal fuq Triq d-dwejra limiti tar-Rabat liema msemmija porzjon tinkludi wkoll kwalunkwe strutturi ertetti fuqha ossia zewgt ibjar, bhala libera u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u kif soggett għal u jgawdi minn dawk is-servituhuet kollha nexxenti, versu l-prezz u bil pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha stipulate fl-istess konvenju. Kopji tat-tlett skritturi appena msemmija qed jigu hawn annessi u jinsabu mmarkati bl-ittri ` A`, `B` u ` C` rispettivament;

2. Illi dan il-konvenju gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond il-ligi bin-numru ta` registrazzjoni PS 202130545, u anke gie mhallas il-boll relattiv skond il-ligi kif jidher mill-ircevuta li kopja tagħha qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra `D`;

3. Illi l-intimati intrabtu li jbiegħu favur is-socjeta rikorrenti l-art aktar il-fuq deskritta skond il-pjanta li giet annessa mal-konvenju tal-15 ta` Settembru 2021 u wkoll skond il-pjanti approvati mill-awtoritajiet kompetanti, izda l-intimati fil-pjanta annessa mal-konvenju indikaw porzjon konsidervoli ta` art li ma kinitx tappartjeni lilhom izda mir-ricerka mwettqa irrizulta li kienet tappartjeni l-Gvern ta` Malta. Madankollu sad-data li fih kellu jsir l-att finali ta` trasferiment u l-konsenja tal-art, kien għad jonqos illi tigi kkonfermata l-pjanta mill-awtoritajiet kompetenti u dan stante illi l-applikazzjonijiet originali bil-pjanti provduti mill-intimati kienu jindikaw porzjonijiet ta` art mhumiex propjeta tal-intimati;

4. Illi t-terminu tal-konvenju kif imgedded kien jagħlaq nhar id-29 ta` Settembru 2022, u f`dan l-istess terminu kellhom isiru r-ricerki dwar il-passivita u trasferiment tal-vendituri u tas-sidien precedenti jigu ivverikati u jigi iddikjarat illi t-titolu huwa wiehed tajjeb;

5. Illi fir-cirkostanzi s-socjeta` rikorrenti trid li takkwista l-art lilha imwiegħeda imma kemm il darba l-intimati irrendu lilhom infushom inkapaci li jikkonsenjaw jew ma jkunx jistaw jikkonsenjaw lir-rikorrenti l-oggett mertu tal-wegħda tal-bejgħ kif ukoll tal-ftehim u skond kif marbutin li jagħmlu, l-intimati għandhom jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet tagħhom hawn fuq spjegati;

6. Illi skont il-konvenju data 15 ta` Settembru 2021, kif sussegwentement mgedded fl-17 ta` Gunju 2022 u fit-28 ta` Settembru 2022, il-kuntratt finali kellu jigi ppublikat sa mhux aktar tard mid-29 ta` Settembru 2022, izda dan il-kuntratt baqa` ma sarx;

7. Illi s-socjeta` rikorrenti interpellat lill-intimati sabiex jersqu għal-kuntratt finali relattiv għal konvenju aktar il-fuq imsemmi, bil-pattijiet kif miftehma,

anki permezz ta` ittra ufficiali datata 29 ta` Settembru 2022, kopja ta` liema hija hawn ezibita u mmarkata bl-ittra E;

8. Illi r-rikorrenti m` għandu l-ebda għarfien ta` ittra ufficjali risponsiva mill-intimati u ma gie notifikat bl-beda ittra ufficjali mill-intimati;

   Illi r-rikorrenti jaf b` dawn il-fatti personalment; Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m`għandhiex din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u għar-ragunijiet premessi. Tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u neccassarja, tikundanna lill-intimati jitrasferixxu lil-rikorrenti l-porzjon diviza ta` art mhux fabrikabbli sitwata l-Mosta fil-kontrada magħrufa bhala ta` Xifer il-Kief`, drabi ohra indikat bhala` it-tfal l-ikrah, tal-kejl superficjali ta` cirka tlettax il elf erbgħa mija u dsatax il mertu kwadru (13419mk) jew  kwalunwke kejl illi jista jirizulta u liema porzjon art tikkonfina mill-punet  ma proprejta tal-monte di Pieta, xlokk ma propjeta ta` Ignazio Scicluna jew successuri fit-titolu, u min-nofs in-nhar ma sqaq pubbliku illi tagħti għal fuq Triq d-dwejra limiti tar-rabat, liema msemmija porzjon tinkludi wkoll kwalunkwe strutturi eretti fuqha ossia zewgt ibjar, a tenur tal-konvenju data 15 ta` Settembru 2021, kif sussegwentament mgedded fil-17 ta Gunju 2022 u 28 ta` Settemrbu 2022, registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bin-numru ta` registrazzjoni PS202130545, billi jersaq għall-Kuntratt findali ta` bejgħ u xiri relative u dan bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha stipulate fl-imsemmi konvenju, inkluz billi tordna lill-intimati jagħmlu dak kollu li huwa necessarju sabiex huma jkunu f` pozzizzjoni illi jitrasferixxu l-istess fond lir-rikorrenti;

2. Tinnomina lin-Nutar Andrea Micallef jew kwalunkwe Nutar iehor li jidrillha xieraq sabiex jippubblika l-att ta` trasferiment relattiv fid-data, hin u lok li jigu minnha stabbilti;

3. Tinnominata kuratur  jew kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-intimati fl-eventwali konutmacja tagħhom jew ta` wiehed minnhom fuq l-att ta` trasferiment;

4. Mingħajr pregudizzju għat-talbiet precedenti u fi kwalunkwe kaz, tillikwida kumpens gust u xieraq lill-atturi għad-danni sofferti minnhom blagir tal-intimati

5. Tordna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti dak il-kumpens hekk likwidat, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

   B` riserva għal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra Gudizzjarja datata d-disgħa u għoxrin (29) ta` Settembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Ittra Gudizzjarja Numru 4081/2022) kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subbizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' John Portelli u Geraldine Portelli (il-konvenuti) tal-25 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondanti fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ilhom ix-xhur jitolbu lis-socjeta rikorrenti sabiex tersaq ghall-publikazzjoni tal-att relattiv ta' vendita kif jirrizulta minn diversi *Whatsapp messages* u *SMS's* li qed jigu hawn annessi u mmarkati **Dok. A.**

2. Illi s-socjeta rikorrenti pprezentat lin-Nutar Andrea Micallef pjanta tal-Land Registry zbaljata minn fejn irrizulta *overlap* ma' xi propjeta tal-Awtorita tal-Artijiet.

3. Illi kieku s-socjeta rikorrenti pprezentat pjanta korretta skond il-ligi lin-Nutar Andrea Micallef, ma kienx jirrizulta dan l-izball u fil-frattemp l-intimati, huma stess, ser jipprezentaw lin-Nutar pjanta tal-art taghhom li hija ghal bejgh ghaliex l-iskop tas-socjeta rikorrenti hija li ttawwal iz-zmien u ma thallasx il-prezz minnha dovut skond il-ligi u zzomm lill-intimati marbutin biex ma jinnegozjawx hwejjighom.

4. Illi f'kwalunke kaz, il-bicca li s-socjeta rikorrenti tippretendi li taqa' fl-*overlap* hija inqas minn circa 5% stabbilt mil-ligi li tobbliga lis-socjeta rikorrenti tersaq ghall-att finali relattiv.

5. Illi l-intimati kienu u ghadhom disposti li jersqu ghall-att finali imma huwa in-nuqqas tas-socjeta rikorrenti li ghamlet dan bl-iskop li ttawwal inutilment il-publikazzjoni tal-att finali bl-intiza ghall gwadan tal-istess rikorrenti u ghad-dannu tal-istess intimati.

6. Illi l-intimati m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu spejjez ta' din il-procedura ghaliex in-nuqqas huwa da parti tal-istess attrici u mhux tal-intimati.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Permezz ta' konvenju datat 15 ta' Settembru 20121, il-konvenuti wegħdu u premettew li jbiegħu u jitrasferixxu lis-Soċjeta' Attriċi porzjon diviża ta' art mhux fabrikabbli sitwata ġewwa l-Mosta fl-inħawi magħrufa ta' 'Xifer il-Kief' jew tat-'Tafal l-Ikrah' tal-kejl superfiċali ta' 13419mk u kif aħjar deskritta din l-art fil-konvenju inkwistjoni (ara a' fol 16).

Dan il-konvenju ġie mġedded darbtejn u dejjem ġie reġistrat skond il-liġi. Is-Soċjeta' Attriċi tgħid li rriżulta li kien hemm parti minn din l-art li tirkeb (*overlapping*) fuq art tal-Gvern u għalhekk kien jeħtieġ li l-konvenuti jindikaw liema parti kienet tagħhom. Jiġifieri l-kwistjoni kollha ma kinitx dwar it-titolu tal-konvenuti, iżda pjuttost dwar l-estensjoni tal-art.

Is-Soċjeta' Attriċi tgħid li hi trid li takkwista din l-art, iżda stante li l-konvenuti ma jistgħux jgħamlu dan, għandhom jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet tagħhom.

**Punti ta' Liġi**

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-azzjoni li qed tesperita s-Soċjeta' Attriċi hija dik prospettata taħt artikolu 1357(1) tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

"*Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħal ma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-*

*obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id danni lill-aċċettant*".

Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Del Negro v. Grech, deċiża fl-10 ta' Jannar 1994**, intqal li

"*L-Artikolu 1357 tal-Kap.16 jippreskrivi li l-effett ta' wegħda ta' bejgħ jispiċċa meta jagħlaq iż-zmien miftiehem bejn il partijiet għal hekk ... kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjahx lil dak li wiegħed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jgħaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, filkaz li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'ċitazzjoni sabiex titwettaq il-wegħda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi zmien.*"

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-proċedura ddettata minn dan l-artikolu ġiet rispettata. Di fatti, il-konvenuti saħansitra jiddikjaraw fir-risposta tagħhom li lesti jersqu għall-kuntratt finali u fl-ebda ħin ma qanqlu l-irritwalita' tal-proċedura. Ilimitat ruħhom għad-difiża prinċipali tagħhom għall-mertu. Għalhekk dak li għandu fis-sustanza jiġi deċiż hu, jekk il-konvenuti għandhomx ikunu kostretti jersqu għall-kuntratt finali abbażi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif anke jirriżulta mill-istess rikors ġuramentat, is-Soċjeta' Attriċi tispjega li l-unika kawża li frustrat il-bejgħ finali kien il-fatt, li kien hemm xi parti minn din l-art li ma kinitx tal-konvenuti, anke jekk fil-mori ta' din il-Kawża s-

Soċjeta' Attriċi tqanqal ukoll raġuni oħra, li hija dik tal-aċċess għal dan it-territorju.

Dwar il-kwistjoni tal-estensjoni, is-Soċjeta' Attriċi tgħid li kien hemm *overlapping* fuq art tal-Gvern. Meta tinħoloq diverġenza bejn il-kontendenti fuq punt ta' importanza u determianti, ikun aktar għaqli, li dak li jkun jistrieħ fuq il-fehma jew xhieda ta' persuna li ma għandha minn naħa u l-anqas minn oħra. F'dan il-każ, din il-persuna huwa n-Nutar Andrea Micallef, li l-professjoni tiegħu fiha nnifisha hija r-repositorju tal-fiduċja pubblika.

Dwar din il-kwistjoni dan jixhed hekk:

"*Xi gimgħa u nofs jew gimgħatejn qabel konna se naslu għall-kuntratt inqalgħet kwistjoni għax Matthew, ovvjament għan-nom ta' Summit, gab site plan u rrizulta li hemm overlap. Ovvjament dik l-overlap kienet a' bazi tal-pjanti li gab Matthew. Tul imbagħad ovvjament ukoll l-estensjonijiet, ingabu pjanti ohra. Hemm ukoll saru surveys ohra wkoll mill-venditur, u rrizulta li dan l-overlap ma kienx hemmhekk. So as such, biex isir il-kuntratt ma kien hemm xejn izommu prattikament milli jigi ppublikat għax bhala site plans u full means ma kien hemm xejn li kienu problematici"* jgħid ukoll li l-kompratur ħalla ħafna għall-aħħar biex ġab il-pjanta (a' fol 77). Jgħid ukoll "*li l-ewwel site plan ingiebet li kien hemm overlap sostanzjali, pero' meta imbagħad wara sar once again survey li milli nista' nifhem kienu qablu fuqu l-partijiet, irrisulta li dan l-overlap ma kienx qiegħed hemm hekk"* (a' fol 77 tergo Emfażi tal-Qorti). Jgħid li "*minn aspett ta' naha ta' Portelli qatt ma*

*kien hemm xkiel biex jigi ppubblikat il-kuntratt, jew inkella xi intoppi*". Jikkonferma wkoll li l-konvenuti dejjem riedu jersqu.

Issa x-xhieda ta' Nutar f'Kawżi bħal dawn takkwista ċertu piż, mhux biss għaliex huwa jrid jaqdi dmiru bil-fier u b'ġustizzja, iżda għaliex wara kollox hemm ukoll ir-responsabbilita' tiegħu fin-nofs. Ebda Nutar serju ma hu ser jissogra r-reputazzjoni tiegħu jew li xi ħadd ifittxu għad-danni. Kif ġie wkoll ritenut, il-Qorti għandha tagħti ħafna piż lix-xhieda protagonisti u ma hemm ebda dubbju, li f'din il-Kawża, in-nutar inkwistjoni għandu jitqies hekk. (Ara **Sentenza tas-27 ta' Marzu, 2003 Appell Ċivili, fl-ismijiet Carmelo u Carmen konjugi Magri -vs- Mixer Limited ġja Planka Limited**).

Iżda mhux hekk biss. Edward Sammut, fl-interess tas-Soċjeta' Attriċi jgħid "*li kien hemm xi diskrepanza zgħira fuq il-measurements"* (a' fol 95). Bi tweġiba għall-mistoqsija li saritlu, jekk il-problema tad-diskrepanza kinitx riżolta jwieġeb "*Li s-site plan kienet dahlet, giet registrata infurmat*" (a' fol 96). Jgħid ukoll li jassumi li kienet riżolta (a' fol 96).

Il-Qorti tosserva, li minkejja l-allegazzjonijiet tas-Soċjeta' Attriċi dwar il-kejl superfiċjali tal-art mertu ta' din il-Kawża, f'ebda ħin ma talbet il-ħatra ta' periti tal-Qorti biex jiġi stabbilt dak li qed tallega, meta kienet l-aktar ħaġa sensibbli li messha għamlet f'Kawża bħal din. Din il-Qorti ssib xi ftit kontradittorja l-asserzjoni ta' dan ix-xhud, li jippreferi li jieħu d-depositu lura meta l-Kawża li għamel hi biex il-konvenuti jiġu ordnati li jbiegħuhilu. Iżda jgħid ukoll, li lest li jixtri jekk l-affarijiet ikunu sewwa.

Imma kif diġa' rilevat, tul il-Kawża qam kweżit ieħor, li għalkemm ma hux wieħed mill-aggravji fir-rikors ġuramentat, din il-Qorti xorta ser titrattah. Matthew Sammut, għas-Soċjeta' Attriċi jgħid, li apparti l-kwistjoni tal-estensjoni tal-art kien hemm parti fuq ta' terzi privati u li dawn qalulu wkoll li ma setax jaċċessa l-art (a' fol 102) Fil-kontro eżami, f'dan ir-rigward jsemmi lil ċertu wieħed Ciantar (a' fol 128 tergo). Pero' il-konvenut Portelli jixhed li din l-art tgawdi minn żewġ entraturi kif inhi ċara fil-pjanta. Dan jgħid ukoll, li minn kemm ilha għandhom l-art, qatt ma kellhom problemi biex jaċċedu għaliha. (ara a' fol 107 u Dok JP4).

Issa l-liġi tal-proċedura tagħna hija meħuda mill-prattika Ingliża. Bħala prinċipju huwa l-Attur li jrid jipprova l-Kawża tiegħu. Għalkemm meta l-konvenut iressaq xi allegazzjonijiet, dan ma jfissrix li l-piż tal-prova jibqa' fuq is-Soċjeta' Attriċi konsonanti mal-prinċipju probatorju ta' *ei qui allegat onus probandi incumbit* u kif ukoll kif jiddisponi Art 562 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Di fatti skond ġuristi ingliżi dwar din il-parti tal-proċedura jingħad hekk:

"*It is often said that although the legal burden of proof remains throughout the trial where it was at the beginning, the evidential burden may shift from one party to the other. All this really means is that as a case proceeds, one party or the other, will produce evidence which, if it remained unchallenged, would entitle the party producing it to a decision in his favour. In this sense, it can be said to have shifted the burden of proof to the other party* "(**Sir Richard Eggleston, Evidence, Proof and Probability, pages 91 to 92**).

Għalhekk, sa fejn jirrigwarda l-fatti li jsemmi Matthew Sammut fl-interess tas-Soċjeta' Attriċi, kien jispetta lilha li tressaq il-prova dwar dawn it-terzi. Jissemma' ċertu Ciantar mingħajr qatt ma tressaq. Di pju' il-Qorti ma setgħetx ma tosservax, il-mod vag u evasiv li bih xehed dan ix-xhud. Irid jingħad ukoll li din il-Qorti ssib xi ftit kontradittorja l-asserzjoni ta' dan ix-xhud li jippreferi li jieħu d-depositu lura, meta l-Kawża li għamel hija dik biex iġiegħel lill-konvenuti jersqu għall-kuntratt finali.

Il-Qorti għandha suspett, li għal xi raġuni li tafhom biss is-Soċjeta' Attriċi, jew aħjar ir-rappresentanti tagħha, dawn kuntrarjament għal dak li jallegaw fir-rikors ġuramentat, kienu huma u mhux il-konvenuti li ma ridux jersqu għall-kuntratt. Jirriżulta li s-Soċjeta attriċi, ossia r-rappresentanti tagħha, kull darba bdew isibu xi skuża biex ma jersqux. Qatt ma kienu jwieġbu għal ħafna sejħiet li kienu qegħdin jagħmlulhom il-konvenuti biex isir il-kuntratt, kif jirriżulta mill-kwantita ta' messaġġi telefoniċi li ġew esebiti. Mingħajr tlaqliq, din il-Qorti tgħid, li ssib ħafna aktar attendibbli l-verżjoni tal-konvenuti minn dik tas-Soċjeta' Attriċi.

Fl-aħħar nett din il-Qorti tosserva li fir-risposta tagħhom il-konvenuti jgħidu hekk:

"*L-intimati kienu u għadhom disposti li jerqu għall-att finali imma huwa nuqqas tas-socejta' rikorrenti li għamlet dan bl-iskop li ttawwal inutilment il-pubblikazzjoni tal-att finali bl-intiza għal gwadan tal-istess rikorrenti u għad-dannu tal-intimati … illi l-intimati ma għandhomx jigu kkundannati jhallsu*

*spejjes ta' din il-proċedura għaliex in-nuqqas huwa da parti tal-istess attriċi u mhux tal-intimati".*

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan u konsegwentement ser tilqa' l-ewwel tlett talbiet Attriċi fil-waqt li tiċħad l-aħħar tnejn peress li s-Soċjeta' Attriċi ma sofriet ebda danni u di pju' ser talloka l-ispejjes ta' din il-Kawża lis-Soċjeta' Attriċi.

**Deċide**

Għalhekk il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi, b'dan din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti ma għandhom xejn aktar x'jagħmlu li huwa neċċessarju biex isir it-trasferiment peress li huma f'posizzjoni li jitrasferixxu l-proprjeta mertu ta' din il-Kawża lis-Soċjeta' Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** u tinnomina lin-nutar Andrea Micallef sabiex jipubblika l-Att ta' trasferiment. Dan għandu jsir fit-Tieni sular tal-Qrati tal-Ġustizzja l-Belt Valletta, ħdejn il-kamra tal-Avukati fil-11.00am fis-7 ta' Mejju 2025.

**Tilqa' it-Tielet talba Attriċi** u tinnomina lill-Avukat Alexander Scerri Herrera bħala kuratur, biex jidher fuq il-kuntratt għall-eventwali kontumaċi, kemm jekk dan ikun il-bejjiegħ jew ix-xerrej. Għal dan l-iskop, din il-Qorti qed tordna li din is-Sentenza tiġi notifikata kemm lin-nutar in kwistjoni u anke lill-Avukat.

**Tiċħad ir-raba' u l-ħames** talbiet Attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi, spejjes kemm ta' din il-Kawża u kif ukoll tal-kuratur ikunu a' karigu tas-Soċjeta' Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**